MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Numru. 1198/2006

**Il-Pulizija**
**Sp Martin Sammut**
**vs**
**Walid AA Abdulmawla**

**Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Walid AA Abdulmawla ta' 24 sena iben Abdulmawla u Zahra mwieled fit-23 ta' Jannar 1984 Libja u residenti 85 Triq Manwel Dimech Sliema, detentur ta' passaport Libjan W462110.**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar id-29 ta' Ottubru 2006 ghall-habta tas-1.00hrs gewwa Vjal Portomaso San Giljan, kkommetta serq ta' handbag, dokumenti personali, Lm5 fi flus kontanti u telefon cellulari tal-marka Nokia 1100 ghad-dannu ta' Sharon Bonello, liema oggetti jiswew inqas minn LM 100, liema serq huwa aggravat bil-hin, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Akkuzat ukoll talli nhar id-29 ta' Ottubru 2006 ghall-habta tat-20.30hrs gewwa Vjal Portomaso San Giljan, kkommetta serq ta' handbag, dokumenti personali, LM7 fi flus kontanti u telefon cellulari tal-marka Nokia 3310 u telefon cellulari tal-marka Samsung ghad-dannu ta' Abigail Scicluna u Isaac John Gatt, liema oggetti jiswew iktar minn LM100 izda inqas minn LM500, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur u dan bi ksur ta' l-Artikoli 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Akkuzat ukoll talli nhar id-29 ta' Ottubru 2006 f'xi hin bejn is-1.30hrs u 2.00hrs, gewwa l-Bajja San Gorg, San Giljan, kkommetta serq ta' handbag, dokumenti personali, make up, LM10 fi flus kontanti u telefon cellulari tal-marka Sharp mudell GX17, ghad-dannu ta' Sharon Grixti, liema oggetti jiswew inqas minn LM100, liema serq huwa aggravat bil-hin u dan bi ksur ta' l-Artikolu 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Akkuzat ukoll talli nhar l-10 ta' Novembru 2006 f'xi hin wara it-20.00hrs minn gewwa The Strand Sliema, kkommetta serq ta' telefon cellulari tal-marka Sony Erricson li jiswa Lm45 ghad-dannu tan-Nutar Joseph Darmanin, liema serq huwa aggravat bil-hin u dan bi ksur ta' l-Artikolu 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Akkuzat ukoll talli matul dawn l-ahhar granet xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentament b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom u dan bi ksur ta' Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Akkuzat ukoll talli nhar it-12 ta' Novembru 2006 ghall-habta ta' 04.00hrs ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PC 446 J Mifsud, PC 120 C Sammut u PC 1314 R Ambrogio, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirjiet taghhom jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel**

**dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor, u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-avukat generali sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji u kif wkoll il-kunsens ta' l-imputat biex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Rat li l-imputat fis-seduta ta' llum 27 ta' Novembru 2006 biddel ir-risposta tieghu ghal wahda ta' hati. Huwa nghata zmien bizzejjed biex jahsibha u rega kkonferma r-risposta tieghu.**

**Rat ukoll li l-hames imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel erba' imputazzjonijiet.**

**Rat li l-imputat seduta stante ta l-kunsens tieghu sabiex jkun ritornati l-affarijiet misruqa u qed jhallas ukoll LM50 ghas-salvu ta' dik il-parti tar-refurtiva li ma jistax jirritorna lura.**

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 28A, 18, 261(c) u (f), 270, 280(1), 334 u 338(ee) tal-Kap 9 qed ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet 1, 2, 3, 4 u 6 u peress li l-hames imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel erbgha, mhix qed tiehu konjizzjoni taghha. Bhala piena, galadarba l-imputat ammetta prattikament mill-ewwel, rritorna lura l-oggetti misruqa u ta l-flus ghal dawk l-affarijiet li hu ma setghax, jirritorna lura, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, b'dan pero li jekk tigi fis-sehh din il-piena, ghandu jitnaqqas minnha kull zmien li l-imputat ghadda taht arrest preventiv.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------